31986L0017

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Jannar 1986

li temenda, minħabba l-adeżjoni tal-Portugall, id-Direttiva 85/384/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, inklużi miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jipprovdu servizzi

(86/17/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u partikolarment l-Artikolu 396 tiegħu,

Billi minħabba l-adeżjoni tal-Portugall, huwa meħtieġ li jsiru ċerti emendi għad-Direttiva 85/384/KEE [1] kif emendata bid-Direttiva 85/614/KEE [2] sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni ugwali tagħha mir-Repubblika Portugiża u l-Istati Membri l-oħra;

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw il-miżuri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-miżuri li jidħlu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Trattat,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1986, l-Artikolu 11(k) tad-Direttiva 85/384/KEE, għandu jkun issupplimentat b'dan li ġej:

"— id-diploma universitarja fl-inġinerija ċivili konferita mill-Istitut Tekniku għoli ta' l-Università Teknika ta' Lisbona (Licenciatura em engenharia civil),

— id-diploma universitarja fl-inġinerija ċivili konferita mill-Fakultà ta' l-Inġinerija (Engenharia) ta' l-Università ta' Oporto (Licenciatura em engenharia civil),

— id-diploma universitarja fl-inġinerija ċivili konferita mill-Fakulta tax-Xjenza u Teknoloġija ta' l-Università ta' Coimbra (Licenciatura em engenharia civil),

— id-diploma universitarja fl-inġinerja ċivili (produzzjoni) konferita mill-Università ta' Minho (Licenciatura em engenharia civil (produção))."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fil-limitu taż-żmien speċifikat fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 85/384/KEE.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Jannar 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

H. van den BROEK

---

[1] ĠU L 223, tal-21.8.1985, p. 15.
[2] ĠU L 376, tal-31.12.1985, p. 1.